**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**

**vs**
**Mitchel Buhagiar**

**Distrett Hamrun**

**Illum il-Gimgha 15 ta' Marzu, 2019**

Il-Qorti;

Rat li Mitchel Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita' numru 331290M

Billi akkzat talli fit-18 ta' Frar, 2016 u anek matul ix-xhur ta' qabel u cioe' dawk ta' Dicembru, 2015 u Jannar 2016, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

1. U cioe' talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (a) hedded li ser jghamel xi reat; (b) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jghamel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil haddiehor biex jghamel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jghamel ilment kontrih, jew immalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamel uzu mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Stephanie Brincat u b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal din il-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli minghajr skuza ragjonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taht l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema projbizzjoni jew restrizzjoni giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, (Magt Dr. Josette Demicoli LL.D.) nhar l-1 ta' Dicembru, 2015 u dan bi ksur tal-Artikolu 412C(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' Stephanie Brincat, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-artiklu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' affidavit ta' Anthony Bonnici rapprezentant tas-socjeta' GO plc, screenshot ta' messaggi mmarkat bhala Dok RV1, kopja ta' ordni ta' protezzjoni mmarkata bhala Dok RV2, fedina penali mmarkata bhala Dok RV3, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, dikjarazzjoni ta' rinunzja ghal jedd tal-parir legali mmarkata bhala Dok RV4, current incident report immarkata bhala Dok RV5, affidavit ta' Marisa Gauci, rapprezentanta tas-socjeta' Vodafone, discharge note minn Mater Dei.

L-Ispettur Robert Vella spjega li fit-18 ta' Frar, 2016, Stephanie Brincat marret tirraporta illi l-ex-boyfriend taghha Mitchel Buhagiar kien qed jibghatilha xi messaggi minn zewg mowbajls differenti u li dan ma kienx l-ewwel rapport illi ghamlet fil-konfront tieghu. Mitchel Buhagiar kien gie mitkellem mis-surgent tal-Ghassa fejn giet nfurmat illi filwaqt li kien qed jibghat dawk il-messaggi lil Stephanie Brincat, huwa kien qieghed taht Ordni ta' Protezzjoni.

PS 536 Joseph Vella spjega illi kien PC 299 li ha r-rapport ta' Stephanie Brincat, izda kien prezenti meta ghamlet dan ir-rapport kif ukoll meta gie mitkellem Mitchel Buhagiar. Kompla jispjega li Mitchel Buhagiar inghata d-dritt li jikkonsulta ma Avukat liema dritt irrifjuta u gharaf il-firem tieghu, ta' PC 299, ta' PS 508 u ta' Mitchel Buhagiar.

PC 299 Damian Cilia kkonferma li r-rapport ghamlu hu mill-bidu sal-ahhar. Spjega illi Stephanie Brincat kienet ghaddietlu kopja ta' Ordni ta' Protezzjoni. Inoltre, spjega illi hu kif ukoll is-surgent 356 kelmu lil Mitchel Buhagiar xi ftit jiem wara t-18 ta' Frar, fejn tawh id-drittijiet kollha tieghu. Mitchel Buhagiar irrifjuta li jikkonsulta ma' Avukat u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u dan kif registrata fis-seduta datata 15 ta' Marzu, 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni cara u inekwivoka ta' l-imputat m'ghandiex triq ohra ghajr li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 251A, 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**